# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Gunju, 2001**

**Numru 33**

**Cit. Nru. 1836/96 FGC**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation plc ta' Perth, Scotland, u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Gasan Enterprises Limited**
**vs**

**The Cargo Handling Company Limited**

**<u>L-Att tac-Citazzjoni</u>**

Is-socjeta' assikuratrici attrici pprocediet kontra s-socjeta' The Cargo Handling Company Limited b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"Li s-socjeta' Gasan Enterprises Limited importat minn Southampton konsenja ta 109 karozza Ford; liema karozzi gew

trasportati u minn hemm ghall-port ta' Valletta bil-bahar abbord l-vapur SPES skond Poloz ta karigu Dok. A1 / 3; liema karozzi waslu Malta fil-/ jew ghall-habta tal-24 ta Gunju, 1995;

li meta tghabbew fuq il-vapur ma kien hemm ebda rimarki negattivi fuq il-polza ta karigu;

li t-trasport bil-bahar sar tramite Grimaldi Compagnia di Navigazione spa kif rapprezentata lokalment mis-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited nomine u meta l-karozzi waslu Malta kkonsenjawhom lill-konvenuta The Cargo Handling Company Limited u ma saru ebda rimarki fuq l-joint tally;

li meta Gasan Enterprises Limited hadet l-konsenja tal-karozzi minghand The Cargo Handling Company Limited fis-27 ta Gunju, 1995 instabu diversi hsarat u nuqqasijiet u dan gie anke konfermat minn survey li sar mill-Valletta Survey Company Limited qabel ma gew rilaxxjati mill-Port (Dok. B1 / 10);

li Gasan Enterprises Limited kienu assigurati mas-socjeta' attrici taht polza marittima "all risks" u ghalhekk ikkompensaw lil Gasan Enterprises Limited bis-somma ta LM 1281 u gew debitament surrogati fid-drittijiet taghha (Dok. C & D u E);

li s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-imsemmija hsarat u nuqqasijiet;

**TALBET** ghaldaqstant li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjarha responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet fuq imsemmija;

2. tikkundannha thallasha s-somma ta LM1281 ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni kontra s-socjeta' konvenuta".

**Eccezzjonijiet**

Is-socjeta' konvenuta hekk eccepiet ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi, preliminarjament, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited qdiet l-funzjonijiet kollha rikjesti minnha mil-Ligi;

2. Illi, fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta tissolleva li m'hiex, fi kwalunkwe kaz, responsabbli ghad-danni allegati mis-socjeta' attrici meta tali danni gew kawzati minn "Bird Staines" kif hemm indikat f'Dok. "B1" sa Dok. "B10" prezentati mill-istess socjeta' attrici mac-citazzjoni;

3. Illi, fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, ghandu jigi esebit il-mod u / jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta LM1281.00.0 lis-socjeta';

4. Illi, wkoll a bazi ta l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations ta l-1966, tali merkanzija l-impurtatur jaf li tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta ma hiex responsabbli (KF15.11.93 -Ray Micallef vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 1365/84 u AK 18.03.92 - Reginald Micallef vs Godwin Abela - Citaz. Nru. 1094/84 u hafna ohrajn;

5. Illi dwar l-imghax, (1) dan mhux dovut lanqas stante li s-socjeta' esponenti qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurata taghha u hallset biss ghaliex sostniet li kienet obbligata thallas taht polza ta assigurazzjoni;

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi".

**Decide**

B'sentenza tal-11 ta' Gunju, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici u b'hekk (1) iddikjarat lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat imsemmija fl-att tac-citazzjoni, u konsegwentement (2) ikkundannatha thallas lis-socjeta'

attrici s-somma ta' Lm1,281 in linea ta' danni subiti mis-socjeta' assiguratrici u surrogati lill-istess socjeta' attrici, bl-imghax legali mit-30 ta' Mejju, 1996 – data tal-prezentata tac-citazzjoni. L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Din il-kawza tirrigwarda l-importazzjoni gewwa Malta ta mija u disa' (109) karozzi tal-marka "Ford" mis-socjeta' assigurata Gasan Enterprises Limited li, ghalkemm meta gew zbarkati minn fuq il-Vapur kienu fi stat tajjeb, meta umbaghad l-istess socjeta' hadet il-konsenja taghhom instab li kellhom in-nuqasijiet u hsarat li huma elenkati fis-'Survey' (Dok. B/B10 - fol. 8-17).
>
> Is-socjeta' attrici, 'qua' kumpannija assiguratrici, kellha thallas lis-socjeta' importatrici msemmija Gasan Enterprises Ltd ghal dawn il-hsarat u nuqqasijiet is-somma ta elf mitejn u wiehed u tmenin lira u tnejn u sittin centezimi (LM1,281.62) u, konsegwentement, l-istess socjeta' danneggjata ssurrogatha fid-drittijiet taghha (ara ricevuta Dok. C u kopja tas-surroga Dok. D - fol. 18 - 19).
>
> Is-socjeta' attrici, 'qua' surrogata kif inghad, qeghda issa tagixxi kontra s-socjeta' konvenuta billi ssostni li ghal dawn in-nuqqasijiet u hsarat fil-vetturi mportati ghandha tirrispondi ghalihom hi.
>
> Jidher li l-istess socjeta' konvenuta taqbel li l-Joint Tally Sheets (Dokti FGC1 u FGC2 - fol. 53 - 54) huma "Clean". Dan ifisser li meta l-vetturi in kwistjoni gew zbarkati minn fuq il-Vapur u ghaddew fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta r-rapprezenanti tal-istess socjeta' konvenuta u tas-socjeta' armatrici ma rriskontraw l-ebda hsarat jew nuqqasijiet fil-merkanzija 'de quo'. Dan jispjega ghaliex il-kumpannija trasportatrici m'hix parti fil-kawza.
>
> Ikkunsidrat :

Li l-partikolarita' ta dan il-kaz in ezami hija li s-socjeta' attrici, bhala kumpannija assiguratrici, hallset lis-socjeta' assigurata m'hux biss ghan-nuqqasijiet li jirrizultaw mit-tlett Gate Passes Out (kopji esibiti a fol. 61, 62 u 63) u li huma nkluzi fis-Survey u li Statement of Claim (Dok. B1 / 10 u Dokti E, F, G) izda wkoll ghall-hsara fil-karozzi kagunata minn "bird droppings" li kien hemm fuq l-istess vetturi, kif jirrizulta mid-dokumenti li ghadhom kemm issemmew.

Effettivament, in-nuqqasijiet li jirrizultaw mill-Gate Passes Out swew lis-socjeta' attrici s-somma ta LM19.62; mentri l-hsarat kagunati mill-hmieg tal-ghasafar swewlha s-somma ta LM1262.00 billi s-socjeta' assigurata kellha tonfoq din is-somma f'xoghol ta 'spray'.

Ghandu jinghad li dawn il-hsarat kienu gew konstatati minn Vincent Aquilina, f'isem il-kumpannija assigurata, u minn Aldo Vella li ghamel is-Survey (Dok. B/10). Dan sar qabel ma l-istess vetturi hallew Laboratory Wharf, cioe' meta kienu ghadhom fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta. Umbaghad, Emmanuel Camilleri, li huwa s-Service Manager mas-socjeta' assigurata, a bazi tal-lista' tal-hsarat li tah Vincent Aquilina, pprezenta l-Claim mas-socjeta' attrici (Dokti E, F u C). Dana kollu jinsab konfermat minn Aquilina u Camilleri fl-affidavit taghhom (fol. 33 u 34) u Aldo Vella kkonferma l-kontenut tas-Survey permezz tal-affidavit tieghu (fol. 37).

Jinghad ukoll illi s-socjeta' konvenuta ma tichadx li l-vetturi in kwistjoni gew danneggjati minhabba dawn il-'bird stains'. Tghid biss, b'mod partikolari, li m'hix responsabbli ghal dan it-tip ta danni u, b'mod generali, tippretendi li, fi kwalunkwe kaz, m'hix responsabbli ghaliex is-socjeta' assigurata taf li l-merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner".

Ikkunsidrat :

Li l-Qorti sejra, fl-ewwel lok, tinvesti l-eccezzjoni li s-socjeta' konvenuta m'hix responsabbli ghad-danni ghaliex il-merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" li hi tant marbuta mal-eccezzjoni preliminari li l-istess socjeta' qdiet il-funzjonijiet kollha rikjesti minnha bil-ligi li b'hekk tkun iddisponiet minn dawn l-eccezzjonijiet.

Is-socjeta' konvenuta dejjem issostni dan l-ezoneru mir-responsabilta' a tenur tal-**Artikolu 90** u **Schedule 13** tal-Port

Regulations ta l-1966 u anki ticcita zewg gudikati li jissuffragawha fuq daqshekk.

Ghandu jinghad, pero', li l-gurisprudenza l-aktar akkreditata u recenti tirritjeni li l-fatt li l-merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" ma jezimix lis-socjeta' konvenuta mill-atti kriminali tal-impjegati taghha jew ta terzi bhallikieku din flok fil-'kustodja' taghha kienet abbandunata f'xi ghalqa u din il-Qorti, kif preseduta, f'diversi sentenzi taghha, qablet ma dan (ara Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Joseph Apps noe, deciza 27.03.98; Formosa & Camilleri noe vs Seamalta Company Limited, deciza 06.11.98; Avukat Dottor Joseph Zammit Mckeon noe vs Comm. Silvio Mifsud noe et noe, deciza 16.04.99 u Leslie Causon noe vs Godwin Abela noe, deciza 14.05.99).

Kwindi, l-Qorti qeghda tirrespingi l-eccezzjoni tal-ezoneru minn kull responsabilta' u, fl-istess waqt, qeghda tichad ukoll l-eccezzjoni li, fil-kaz in ezami, s-socjeta' konvenuta qdiet il-funzjonijiet kollha taghha rikjesti mil-ligi.

Ikkunsidrat :

Li s-socjeta' konvenuta donnha qeghda tiddistingwi bejn id-danni kagunati fil-vetturi minhabba tbajja mhollija mill-hmieg tal-ghasafar u danni ohra.

Il-Qorti, pero', ma tarax li ghandha ssir din id-distinzjoni. Is-socjeta' konvenuta li kellha l-vetturi in kwistjoni fil-kustodja taghha kienet obbligata a tenur tal-**Artikolu 1899** tal-Kodici Civili li tiehu hsiebhom daqskemm tiehu fil-kustodja ta hwejjigha.

Dan, fi kliem iehor, ifisser li l-komportament tas-socjeta' konvenuta kellu jkun wiehed ta bonus pater familias. Il-fatt li erbgha u tletin (34) karozza nstabu bit-tbajja tal-hmieg tal-ghasafar juri b'mod car li s-socjeta' konvenuta ma haditx hsieb il-vetturi taht il-kustodja taghha qishom kienu hwejjigha u ghalhekk it-tqharriq li rrizulta fil-vetturi ghandha tirrispondi ghalih hi ghaliex ma ppruvatx li nghatat xi ordni mid-Direttur tal-Portijiet li l-vetturi kellhom jinhaznu fl-apert.

Ikkunsidrat :

Li jirrizulta li s-socjeta’ attrici hallset lis-socjeta’ assigurata s-somma ta LM1281.62 bhala danni. Dan il-pagament sar wara li

s-socjeta' attrici accettat il-'Claim' maghmula lilha ghal dan l-ammont (Dokti E, F, G a fol. 20 -22) partitament.

Is-socjeta' konvenuta ma kkontestatx dan l-ammont. Talbet biss li s-socjeta' attrici tesibixxi kopja tac-cheque li permezz tieghu sar il-pagament u s-socjeta' attrici esibiet l-ircevuta u kopja tas-surroga.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-ammont imsemmi huwa dovut lis-socjeta' attrici flimkien mal-imghax legali mid-data tac-citazzjoni, cioe' mit-30 ta Mejju, 1996".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Is-socjeta' konvenuta appellat minn din is-sentenza. Korrettement hi tissottometti li biex tirnexxi l-azzjoni attrici kien jehtieg illi tipprova: (1) illi l-vetturi in kwistjoni kienu gew mghobbija abbord il-bastiment u ttrasportathom ezenti mid-difetti u n-nuqqasijiet li gew skontrati; (2) li l-istess vetturi gew skarikati minn abbord ezenti wkoll mill-istess nuqqasijiet u difetti u mhollija hekk f'idejn is-socjeta' appellanti; (3) li d-difetti u n-nuqqasijiet gew riskontrati meta l-vetturi gew rilaxxjati mis-socjeta' appellanti f'idejn is-socjeta' importatrici; u (4) li d-difetti u n-nuqqasijiet kienu rizultat ta' nuqqas ta' diligenza tas-socjeta' konvenuta.

Is-socjeta' appellanti ssostni li ma giex provat li d-difetti u n-nuqqasijiet gew riskontrati meta l-vetturi gew rilaxxjati lis-socjeta' mportatrici, u inoltre, ma kienx hemm nuqqas ta' diligenza da parti taghha fil-kustodja tal-merkanzija fdati f'idejha. Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju s-socjeta' appellanti tistrieh fuq id-difiza klassika, ormai ridimensjonata, tal-valur

probatorju tal-Gate Pass Out. Fil-kaz taht ezami jirrizulta li f'dan id-dokument portwali kien hemm notamenti li jindikaw illi l-vetturi kellhom xi hsarat li ghalihom is-socjeta' appellanti ma tezitax li tassumi responsabilita'. Is-socjeta' attrici pero', kienet qeghda tippretendi li s-socjeta' appellanti kellha wkoll taghmel tajjeb ghal difetti ohra u nuqqasijiet li ma kienux imnizzla fil-Gate Pass Out, u cioe' ta' hsarat f'danni kagonati minn *bird droppings,* li effettivament kienu il-kagun tal-parti l-kbira hafna tad-danni reklamati.

Issa hu minnu li l-Gate Pass Out ma jaghmel l-ebda menzjoni ta' din ix-xorta ta' hsara li tirrizulta wahda estensiva, pero' ma kien hemm l-ebda dubbju mill-atti la li din il-hsara verament kienet tezisti fil-mument meta l-karozzi gew rilaxxjati f'idejn is-socjeta' importatrici, u lanqas illi din ix-xorta ta' hsara setghet saret fuq il-vapur f'xi zmien waqt it-tragitt, sal-mument ta' l-izbark taghhom fuq il-moll. Infatti, mhux biss it-*Tally Sheet* jirrizulta ghal kollox nadif, imma wkoll jidher li dan it-*Tally Sheet* kien wiehed *joint* u cioe' sar bejn rapprezentant tas-socjeta' appellanti u rapprezentant tal-vapur. Apparti n-natura partikolari u x-xorta tal-hsara u l-kawza taghha, ma hemm l-ebda dubbju li li kieku l-hsara kienet tezisti fil-mument ta' l-izbark tal-vetturi, is-socjeta' appellanti kien ikollha kull interess li tispecifikaha fit-*Tally Sheet*. Dana mhux biss minhabba l-mod estensiv tad-dannu fuq il-vetturi zbarkati, imma wkoll ghaliex kien car illi una volta jigi rilaxxjat "C*lean Joint Tally Sheet"*, il-possibilita' li s-

socjeta' konvenuta li tkun irceviet il-vetturi fuq il-moll, li tiskolpa ruhha minn din ix-xorta ta' danni, issir ghal kollox negligibbli.

L-ezoneru tas-socjeta' appellanti kien allura f'dan il-kaz fil-konfront tal-vapur, jiddependi unikament mill-kontenut tal-*Joint Tally Sheet*. Kontra l-*Gate Pass Out* fir-rigward tal-hsara partikolari that ezami f'certu sens limitat nadif, kien hemm id-deposizzjoni ta' Vincent Aquilina li ezamina l-vetturi qabel ma gew rilaxxjati mill-port. Fl-istess hin kien sar survey indipendenti appositament fuq il-karigu tas-socjeta' assiguratrici attrici biex b'hekk tkun tista' tikkontrolla l-eventwali *claim* li setghet issir kontra taghha mill-importatur. Dan is-survey kien sar mill-impjegat tas-socjeta' Valletta Survey Company Limited. Dawn ix-xhieda indipendenti u disinteressati fil-mertu ikkonfermaw illi l-hsarat kienu prezenti qabel ma l-vetturi gew rilaxxjati mill-Port, u dan il-fatt adegwatament jinnewtralizza il-kontenut tal-*Gate Pass Out* li kien jikkostitwixxi biss prova iuris tantum salva l-prova kuntrarja. Fuq dan il-gurisprudenza hi llum kostanti u pacifika. Dan l-aggravju qed jigi ghalhekk respint.

Jibqa x'jigi konsidrat aggravju iehor imressaq mis-socjeta' appellanti illi huma kienu ssodisfaw il-grad ta' diligenza impost fuqhom bhala depozitarji, u konsegwentement, ma kellhomx ibatu ghall-hsarat u nuqqasijiet. Hu accettat li s-socjeta' appellanti kellha tindokra l-merkanzija fdata f'idejha "uti bonus pater familias". Pero' hi ssostni li ma kellha l-ebda kontroll fuq il-kawzi ta' hsara allegatament sofferta

mis-socjeta' importatrici minhabba il-*bird droppings*. Is-socjeta' appellanti ssostni li ma kellha l-ebda kontroll fuq l-elementi tan-natura li kulhadd, inkluza s-socjeta' appellanti, kien soggett ghalihom. Xejn ma seta' jsir da parti taghha biex jigu kontrollati l-hamiem fl-area tal-port, li hija cirkondata minn silos tal-qamh li jattira bosta hamiem. Gustament pero' is-socjeta' importatrici ssostni li hi ma kellha l-ebda dritt jew kontroll fuq fejn jigu mahzuna l-vetturi gewwa l-port meta dawn jigu skarikati minn fuq il-vapur. Din kienet decizjoni li kienet tiehu s-socjeta' konvenuta li kellha l-obbligu li taghmel dak kollu li setghet taghmel u li kien ragonevolment mistenni li taghmel biex tassigura li l-vetturi ma jigrilhomx hsara kawza ta' event li kien, skond l-istess socjeta' konvenuta, facilment prevedibbli. Certament karozzi godda fjamanti, kif kienu dawk in konsenja, kellhom jigu protetti bl-istess mod kif bonus pater familias kien jipprotegi vettura gdida minnu akkwistata. Dan b'mod partikolari f'sitwazzjoni fejn ikun hemm possibilita' kbira illi l-hsara prospettata tavvera ruhha.

F'dan ir-rigward din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghaliex tiddisturba l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti dwar il-fatti li taw lok ghall-addebitu tar-responsabilita' mis-socjeta' konvenuta. Dan multo magis billi jirrizulta diga' assodat fil-gurisprudenza li f'cirkostanzi identici dawn il-qrati rritenew li s-socjeta' konvenuta responsabbli li tiehu dawk il-mizuri kollha mehtiega u indikati biex tassigura li ma tigrix lill-vetturi, fdati f'idejha u minnha mahzuna fl-apert, hsara tax-xorta that ezami. F'dan

ir-rigward il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-kawza ricenti deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha inferjuri, fis-sentenza fil-kawza bl-ismijiet "Gasan Insurance Agency Ltd. noe vs. The Cargo Handling Company Ltd. et" deciza fl-24 ta' April, 2001, u ghall-gurisprudenza li ghaliha saret hemm riferenza f'kawzi bil-mertu identiku.

Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex kellha tasal ghall-konkluzzjoni diversi fil-kaz taht ezami. Verament din il-Qorti wkoll ma tata l-ebda sustanza fl-aggravju li s-socjeta' importatrici setghet irtirat il-vetturi appena tnizzlu minn fuq il-vapur. Ma jirrizulta infatti mill-provi l-ebda dewmien inordinat jew ingustifikat fl-irtirar tal-vetturi. Infatti l-karozzi waslu fil-port is-Sibt 24 ta' Gunju, 1995, u gew rilaxxjati t-Tlieta ta' wara. Gustament is-socjeta' appellata tinnota li jekk jigi konsidrat illi fiz-zmien rilevanti kien hemm diga' l-port jahdem bin-nofs ta' nhar, wiehed ma setghax, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, isostni li kien hemm xi dewmien da parti ta' l-importatur fil-process biex jirtira il-vetturi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud, u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

Dep/Reg

mm